MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 753/2007

**AA**

**-vs-**

**AB**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett elef u sitta u ghoxrin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,026.23) - (Lm1,299.16c) u dan rapprezentanti valur ta' xogholijiet u materjal debitament esegwit mis-socjetà attrici fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenuta fil-fond residenzjali taghha kif jirrizulta mill-anness prospett anness mal-Avviz immarkat Dok A.  Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u

ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjetà rikorrenti mhux dovut minnha stante li AA, direttur tas-socjetà rikorrenti, u li taghha ghandu wkoll rapprezentanza legali u guridika, kien ghamilha cara w insista mal-intimata illi ma riedx hlas ghax-xogholijiet u ghall-materjal, u dan bhala rigal lill-intimata, in vista tal-hbiberija li kien hemm bejn AA u l-intimata fiz-zmien illi kienu qieghdin jigu esegwiti x-xogholijiet fil-proprjetà taghha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz illi AA ta' l-imsemmi rigal lill-intimata f'ismu proprju u mhux f'isem is-socjetà rikorrenti, l-intimata qieghda titlob minn issa l-kjamat in kawza ta' AA.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjetà rikorrenti huwa eccessiv u dan kif jigi provat waqt is-smiegh tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tat-13 ta' Novembru, 2007 li bih gie msejjah fil-kawza l-imsemmi AA.

Ra r-risposta ta' AA li biha wiegeb:

1. Illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-konfront tat-talba attrici peress li x-xogholijiet in kwistjoni gew esegwiti fil-fond tal-konvenuta fuq ordni taghha stess li ghamlet mas-socjetà attrici u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi di fatti l-*quotation* tal-ispejjez relattivi nharget mis-socjetà attrici ndirizzata lill-konvenuta fuq talba taghha stess.

3. Illi mhux minnu li l-kjamat in kawza ghandu r-rapprezentanza guridika tas-socjetà attrici u kwindi l-

allegazzjoni tal-konvenuta hija legalment mhux accettabbli apparti li fattwalment inveritjera wkoll.

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' AA, AB, Yannich Fenech u AB.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Anthony Cutajar ghas-socjetà attrici u Dr Tonio Cachia ghall-konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta li tahdem fl-isptar Mater Dei riedet taghmel xi xogholijiet fid-dar ta' residenza taghha l-Mosta li hija *house of character* u ghal dan l-iskop hija giet introdotta ma' AA.

Bi ftehim bejniethom, huwa mar fuq il-post u wara li ha notament tal-istruzzjonijiet taghha, huwa rrilaxxa stima ghan-nom tas-socjetà attrici fl-ammont ta' hames mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm586). L-konvenuta kkonfermat l-ordni u beda jsir ix-xoghol. Ix-xoghol attwalment sar minn AA kif inkarigat mill-kumpanija u anke minn haddiema ohrajn.

Jirrizulta illi man man max-xoghol, l-konvenuta riedet xogholijiet addizzjonali u dan effettivament saru tant illi minn hames mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm586) il-kont tas-socjetà attrici tela' ghal elf, mitejn u disgha u disghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm1,299.16c) kif hemm indikat fid-Dok A anness mal-Avviz.

Fil-mori tal-kawza irrizulta illi bhala *quantum*, l-ammont ta' xogholijiet m'humiex qieghdin jigu kontestati. Il-vera kontestazzjoni f'din il-kawza hija fis-sens illi wara li l-konvenuta giet introdotta ma' AA, nibtet bejniethom certu

hbiberija tant illi anke hargu flimkien u ghal zmien qasir hafna kien hemm certu intimita bejniethom u ghalhekk il-konvenuta qieghda ssostni illi meta kienu qed isiru x-xogholijiet, hija hadet l-impressjoni li mhux ser jiccargja ghal xogholu. Testwalment fix-xhieda taghha hija qalet hekk:

"Meta kien qed isir ix-xoghol kont nghidlu AA x'ghandi ntik u hu kien jghidli hallik mill-flus tieghi. Hu kien jghidli ghamel affarijiet ohra bihom, lili hallini."

Hija fil-fatt b'hekk waslet ghall-konkluzzjoni illi x-xoghol qed isir b'xejn talli jpatti ghall-hbiberija li kienet nibtet bejniethom. Altrimenti hija ssostni illi effettivament anke kieku kien ikollha thallas ghax-xogholijiet li saru, hija ghamlita cara illi ma setax thallas aktar mill-ammont li applikat ghalih fil-loan, jigifieri l-ammont ta' hames mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm586).

Da parti tieghu AA jsostni illi ghalkemm kien hemm certu hbiberija, din ma kienetx tal-intensita li donnha pprovat tpingi l-istess konvenuta u f'kull kaz huwa cahad kategorikament li x-xoghol kellu jsir b'xejn jew li hu kien hafer l-ammont mitlub mill-kumpanija. Fil-fatt dwar l-allegazzjoni tal-konvenuta huwa qal:

"Fil-kawza hija qieghda tghid li m'ghandiex thallas lill-kumpanija in vista tal-hbiberija li kien hemm bejnietna u jien dan id-diskors zgur qatt ma ghidtu."

It-Tribunal wara li qies ix-xhieda moghtija f'din il-kawza u l-provi kollha prodotti huwa tal-fehma illi l-probabbilita hi li l-verità qieghda x'imkien fin-nofs bejn dak li gie affermat mill-protagonisti f'din il-kawza.

It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju illi l-ammont kif stmat originarjament mill-kumpanija ghandu jithallas mill-konvenuta, tant li l-konvenuta stess hadet loan biex il-quddiem tkun tista' thallas ghal dawn ix-xogholijiet. Dwar ix-xogholijiet addizzjonali però jidher car illi meta bdew isiru dawn ix-xogholijiet addizzjonali, sa dak il-mument kienet nibtet il-hbiberija bejn il-partijiet tant illi t-Tribunal

huwa konvint li meta l-konvenuta talbet lil AA biex jghidilha kemm kienu ser jiswew dawn l-*additional works* huwa kien ighidilha biex ma taghtix kaz u kien proprju minhabba f'hekk li forsi halliet ix-xogholijiet ghaddejjin.

B'danakollu t-Tribunal huwa tal-fehma li kull xoghol haqqu jigi premjat u konsegwentement tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u partikolarment li din il-hbiberija bejn AA u AB ma tantx kienet damet u l-aktar li setghu hargu flimkien kienu xi tlett okkazzjonijiet, huwa tal-fehma illi ghar-rigward tat-talba kif kontenuta fl-istima originali li tinsab esebita a fol 19 tal-process dan l-ammont ghandu jigi akkolt in toto.

Dwar ix-xogholijiet addizzjonali t-Tribunal huwa tal-fehma illi kollox ma kollox, huma zewg terzi minn dan lawment li ghandu jigi akkolt favur is-socjetà attrici. L-imsejjah fil-kawza isostni illi huwa m'ghandux ir-rapprezentanza guridika u legali tal-kumpanija izda huwa relevanti illi l-istima fuq imsemmija hija ffirmata minnu biss u fil-qiegh tal-istess *letterheads* huwa ndikat bhala wiehed mit-tlett diretturi. In oltre, fil-Memorandum and Articles of Association hemm specifikat fil-klawsola numru 10 tal-Memorandum illi *the legal and judicial representation of the company shall vest in any director*.

Illi ghar-rigward tal-partecipazzjoni ta' AA personalment f'din il-kawza, it-Tribunal ihoss illi stante li huwa kellu rapprezentanza guridika tal-kumpanija u stante ukoll illi kien hu biss li d-dielja mal-konvenuta meta l-kumpanija kienet qieghda tiddielja maghha, il-presenza tieghu fil-kapacità personali f'din il-kawza hija superflwa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma t'elfejn, erba' mija u tnejn u sebghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€2,472.49) li huma ekwivalenti ghal elf u wiehed u sittin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM1,061.44). L-interessi ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza huma decizi kif ser jinghad. Dawk tal-kjamat in kawza ghandhom jithallsu minnu. Il-

kumplament tal-kawza jkunu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) ghall-konvenuta u kwart (1/4) ghas-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------